

**Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7515/22

FIN 357

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Bruno LE MAIRE, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 08/2022 fit-Taqsimha III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument DEC 08/22.

Mehmuż: DEC 08/22



BRUSSELL, 23/03/2022

BAĠIT ĠENERALI - 2022
TAQSIMA III - TITOLU TAL-KUMMISSJONI: 06

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 08/2022**

MINN

Kapitolu - 0604 Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)

ARTIKOLU — 06 04 01 Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) — Pagament ta' kupun perjodiku u tirdija mal-maturità	Mhux Diff	-70 000 000,00
---	-----------	----------------

GĦAL

Kapitolu - 0605 Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

ARTIKOLU — 06 05 01 Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	Impenji	70 000 000,00
	Pagamenti	50 000 000,00

KAPITOLU - 0607 Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

ARTIKOLU - 06 07 01 Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni	Pagamenti	20 000 000,00
--	-----------	---------------

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

06 04 01 Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) — Pagament ta' kupun per iodiku u tiffidja mal-maturità

b) Ċifri fis-17/03/2022

	Mhux Diff
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	140 000 000,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	140 000 000,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	0,00
5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	140 000 000,00
6 Tnaqqis propost	70 000 000,00
7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	70 000 000,00
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	50,00 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dfih minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Mhux Diff
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-17/03/2022	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

EUR 140 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huma disponibbli fl-2022 taħt il-linja tal-imgħax EURI. Wara li rrevediet il-projezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas l-approprjazzjonijiet tal-2022 b'EUR 70 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Il-kostijiet allokati lill-baġit tal-Unjoni huma determinati fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1095 li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-allokkazzjoni tal-kost relatat mal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn permezz tan-NextGenerationEU. Il-kostijiet imġarrba mill-baġit tal-Unjoni għall-2022 jinkludu l-kost tal-finanzjament għall-iżborżi li saru lill-baġit tal-Unjoni matul l-2021 u l-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità fl-2021. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tista' tistma b'kunfidenza akbar il-kost tal-finanzjament u l-kost tal-ġestjoni tal-likwidità li se jiġu ddebitati lill-baġit tal-Unjoni matul is-sena 2022. Għalhekk, l-approprjazzjonijiet ta' EUR 70 miljun li se jibqgħu disponibbli fil-linja wara t-trasferiment huma kkunsidrati biżżejjed biex ikopru l-kostijiet u jassorbu kwalunkwe bidla modesta li tista' sseħħ sa tmiem is-sena.

F'konformità mad-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni dwar il-prudenza baġitarja fir-rigward tal-linja tal-imgħax tal-EURI (Konċiljazzjoni tal-Baġit 2022), il-Kummissjoni se tipproponi li timmobilizza fis-snin 2024–2027 għall-benefiċċju tal-linja EURI ammont li jikkorrispondi għat-tnaqqis preżenti, li għandu jsir disponibbli taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

06 05 01 - Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (RescEU)

b) Ċifri fis-17/03/2022

	Impenji	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	101 254 030,00	100 547 220,00
2 Trasferimenti	0,00	0,00
3 Total tal-appropriazzjonijiet għas-sena (1+2)	101 254 030,00	100 547 220,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	29 274 233,50	21 160 075,05
5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	71 979 796,50	79 387 144,95
6 Żieda mitluba	70 000 000,00	50 000 000,00
7 Total tal-appropriazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	141 979 796,50	129 387 144,95
8 Żieda bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet fil-baġit (6/1)	69,13 %	49,73 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	1 255 286,47	79 129,48 munita
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-17/03/2022	1 255 286,47	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	0,00 %	100,00 %

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Wara l-eskalazzjoni tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) ġie attivat abbażi tat-talbiet għal assistenza mill-Istati Membri (SM) tal-UE l-aktar esposti, kif ukoll mill-Ukrajna u l-Moldova, biex jikkoordina u jagħti assistenza immedjata lir-refuġjati u l-operazzjonijiet tat-trasport ta' oġġetti u tagħmir offruti mill-Istati Membri lill-Ukrajna. L-ammont ta' assistenza meħtieġa b'mod urġenti offruta u mogħtija taħt il-UCPM matul l-ewwel ġimgħat tal-kriżi kien bla preċedent.

Madankollu, is-sitwazzjoni umanitarja qed tesperjenza deterjorament drammatiku, li jitlob azzjonijiet addizzjonali biex jiġu evitati konsegwenzi aktar estremi. Id-daqs tal-ħtiġijiet imur lil hinn mir-riżorsi disponibbli taħt il-UCPM u huwa stmat għal EUR 105 miljun f'dan l-istadju. Ammont ta' EUR 35 miljun se jiġi riallokati fi ħdan il-UCPM. Għalhekk, dan it-trasferiment jipproponi li tissaħħaħ il-linja b'EUR 70 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 50 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagamenti li se jippermettu operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja kontinwi b'rabta mal-kriżi tal-Ukrajna fix-xhur li ġejjin.

It-tisħiħ propost se jiffinanzja l-attivitajiet ta' rispons li ġejjin:

1. L-istabbiliment u l-operabbiltà ta' ċentri tal-merkanzija tal-UCPM fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Dan se jkopri l-ħżin, il-manutenzjoni u r-riforniment għall-assistenza in natura, il-fjuwil u l-farmaċewtiċi, b'diversi punti loġistiċi fit-tliet pajjiżi, inkluż il-kost tal-persunal għall-akkomunament tal-assistenza tal-Istati Membri u l-ispejjeż tat-trasport lokali miċ-ċentru għall-Ukrajna;
2. Operazzjonijiet ta' trasport biex titwassal assistenza in natura mill-Istati Membri lejn l-Ukrajna, lejn pajjiżi ġirien affettwati (il-Moldova, il-Polonja u s-Slovakkja) u lejn ċentri loġistiċi tal-UCPM;
3. Medevac - evakwazzjoni medika ta' madwar 1 000 pazjent Ukrajn lejn dawġ l-Istati Membri li kkonfermaw id-disponibbiltà tagħhom biex jakkomodawhom;
4. L-iskjerament ta' timijiet mediċi ta' emerġenza (TME tat-tip 1 u 2). Bħalissa hemm sitt EMTs disponibbli rreġistrati fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili.

Il-Kummissjoni qed tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u l-evoluzzjoni sussegwenti tal-ħtiġijiet għall-assistenza. Jekk is-sitwazzjoni tkompli tiddeterjora u ddum għal perjodu itwal, jista' jkun meħtieġ tishħiħ baġitarju ulterjuri fil-futur qrib.

II.2

a) Intestatura

06 07 01 - Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni

b) Ċifri fis-17/03/2022

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	8 100 000,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	8 100 000,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	4 544 043,32
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	3 555 956,68
6 Żieda mitluba	20 000 000,00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	23 555 956,68
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	246,91 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	22 719 885,85
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fis-17/03/2022	22 548 739,72
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	0,75 %

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

L-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli f'din il-linja dalwaqt se jiġu eżawriti. It-tisħiħ ta' EUR 20 miljun se jintuża biex ikopri miżuri li nbdew fl-2021 u li għadhom ma tħallsux, pereżempju, azzjonijiet marbuta maċ-ċertifikati COVID diġitali.

Aktar tard fis-sena (skont id-data dovuta għall-pagament), se jkun meħtieġ tisħiħ addizzjonali biex ikopri l-kontribuzzjoni għad-dożi tal-vaċċin favur it-tilqim minn pajjiżi terzi. L-approprijazzjonijiet addizzjonali se jinġabru flimkien permezz ta' trasferimenti awtonomi u/jew tal-awtorità baġitarja.